# DRAMA FIL-KURRIKULU

## Drama mnebbħa mis-sillabu taċ-ĊES

## b'kitba ta' Mario Azzopardi

### "ĊENSINA" ta' LINO SPITERI

**PREŻENTATUR:** Illum se niltaqgħu mal-bijografija ta' politiku-awtur li għamel ħafna suċċess. Kellu pożizzjonijiet importanti u dejjem assoċjati mal-Partit Laburista jew Soċjalista.

**STUDENT A:** Iva, in-nannu kien jaf min hu, għax kien minn Ħal Qormi, bħalu.

**STUDENT B:** Taf x'għamilna dil-ġimgħa? Morna Ħal Qormi, staqsejna fejn kien twieled u għex f'żgħożitu dan l-awtur u politiku magħruf u ħadna stessu ħdejn il-bieb tad-dar tiegħu.

**PREŻENTATUR:** Tistgħu tfissrulna ftit x'idea ħadtu tal-ambjent tat-triq? Xi sqaq? Triq dejqa? Storbjuża? Hemm djar antiki?

***Xi studenti jistagħġbu***

**STUDENT A:** Xi ħadd anzjan minn dik it-triq qalilna li meta żżewweġ ta' età żgħira, Lino Spiteri kellu jiżżewweġ fis-sagristija.

**STUDENTI**: *(Xi ftit kommossi)* U għaliex?

**PREŻENTATUR:** Dak iż-żmien, kien hemm ġlieda kbira bejn il-Knisja u l-Partit Laburista. Spiteri kien involut ħafna fil-ġurnaliżmu Laburista u allura kien ingħata l-interdett.

**STUDENT A:** Interdett xi jkun?

**PREŻENTATUR:** Interdett ifisser li dak li jkun ma jkunx jista' jieħu sehem fil-funzjonijiet tal-Knisja. Pereżempju, ma kienx permess żwieġ fuq l-artal…

**STUDENTI:** *(Kommossi)* X'injoranza!

**PREŻENTATUR:** X'injoranza, hux?

**PREŻENTATUR:** Dawk kienu żminijiet oħra. B'xorti tajba, ilhom li għaddew.

***Fuq l-iskrin jitla' ritratt ta' Lino Spiteri.***

**PREŻENTATUR:** Hemm hu l-awtur u l-politiku li qed nitkellmu fuqu.

**STUDENTI:** Kien raġel sabiħ, hux?

**PREŻENTATUR :** Iva, imma kien twieled b'diżabiltà, għax twieled b'id waħda biss. Imma qatt ma qata' qalbu u avvanza ħafna fil-karriera tiegħu. Biżżejjed ngħidu li kien l-iżgħar membru parlamentari li qatt kien elett.

**STUDENTI:** Allura x'kiteb?

**PREŻENTATUR:** Kiteb rakkonti, esejs u anki poeżiji.

**STUDENTI:** Iva, imma fuqiex kiteb?

**PREŻENTATUR:** Lino Spiteri kien politiku li emmen ħafna fil-ġustizzja soċjali.

***Fuq l-iskrin titla' xbieha ta' mara xiħa, tgħix f'ambjent ta' faqar.***

***Jidħol Lino Spiteri.***

**SPITERI:** Qatt ma rajt faqar bħal dak. Ix-xwejħa qaltli li jisimha Ċensina.

**ĊENSINA:** Ara x'waħda din min ġie jarani! Wasalli r-ritratt tiegħek bil-posta, sinjur. Nivvutalek, sinjur. Lilek żgur se nivvota. Imma trid tgħidli kif. Ma terġax tiġi, tgħid?

**SPITERI:** Niġi, Ċensin. Imma jien mhux biss biex tivvutali ġejt.

**ĊENSINA:** Mela għalfejn, sinjur?

**SPITERI:** Għandek bżonn xi ħaġa, Ċensina?

**ĊENSINA:** U jien xi tridu jkolli bżonn? Jien nieħu tal-Gvern. Għalija biżżejjed. Inkewwes u ngħassed. Ma niħux wisq. Naqra, imma ngħaddi kif nista'.

**SPITERI:** Kemm tieħu għedt, Ċens?! Le ħej! Suppost tieħu aktar. Qatt ma tkellimt?

**ĊENSINA:** U ma' min tridni nitkellem, sinjur? Jien injuranta.

**SPITERI:** Dawn li joqogħdu fuqek ma jgħinukx xi ftit?

**ĊENSINA:** Bilkemm ikellmuni! Suppervi u merfugħin sinjur.

**SPITERI:** Ħalli f'idejja, Ċensin. Nitkellimlek jien u nerġa' nkellmek.

**ĊENSINA:** Grazzi ħafna, sinjur. Nivvutalek żgur.

***Tinbidel ix-xena. Lino Spiteri fid-Dipartiment tal-Assistenza Soċjali, quddiem skrivan.***

**SKRIVAN:** Kemm għedtli li qed tieħu, Sur Spiteri?

**SPITERI:** Tliet mitt ewro.

**SKRIVAN:** U le! Dik suppost tieħu 100 ewro aktar. Allura kif qatt ma tkellmet?

**SPITERI:** Ma tafx kif inhuma l-affarijiet. U tgħix waħidha.

**SKRIVAN:** F'idejja, Sur Spiteri. Naqdiha dan ix-xahar stess.

**PREŻENTATUR:** Il-kandidat kien ferħan li qdieha lil Ċensina. Mar biex jgħidilha, imma meta ħabbat il-bieb ma fetaħlu ħadd. Mill-appartament ta' fuq ħarġet mara.

**MARA:** Lil min trid, *handsome*?

**SPITERI:** Lil Ċensina.

**MARA:** Dik ilha mejta aktar minn għaxart ijiem. Mietet fil-ħmieġ, kif għexet. Ma titlax tieħu drink, *handsome*?

**SPITERI:** Le, grazzi. Mgħaġġel ħafna. Baqagħli ħafna xi ndur.

***L-istudenti jibdew jiddiskutu; speċjalment l-episodju tal-mara li ħadet kunfidenza żejda ma' Lino Spiteri.***

**PREŻENTATUR:** L-istudenti għamlu biċċa xogħol tajba ħafna. Stiednu biex jitkellem magħhom lill-awtur Victor Fenech li kien ħabib intimu ta' Lino Spiteri u kien jgħallem miegħu fl-iskola primarja ta' Ħal Qormi.

***Tibda l-intervista ma' Victor Fenech.***

**TMIEM**